



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0156/2013

23.4.2013

RAKKOMANDEZZJONI

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE/Euratom) Nru 354/83, fir-rigward tad-depożitu tal-arkivji storiċi tal-istituzzjonijiet fl-Istitut Universitarju Ewropew f'Firenze (06867/2013 – C7-0081/2013 – 2012/0221(APP))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Doris Pack

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

| | Paġna |
|---|--------------|
| ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW..... | 5 |
| NOTA SPJEGATTIVA | 6 |
| OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET KOSTITUZZJONALI | 8 |
| RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT | 12 |

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE/Euratom) Nru 354/83, fir-rigward tad-depożitu tal-arkivji storiċi tal-istituzzjonijiet fl-Istitut Universitarju Ewropew f'Firenze (06867/2013 – C7-0081/2013 – 2012/0221(APP))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill (06867/2013),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7–0081/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 81(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0156/2013),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' regolament tal-Kunsill;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

L-arkivji storiċi tal-istituzzjonijiet tal-UE jirrappreżentaw sors ta' informazzjoni importanti għall-istorja u l-wirt tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk hu essenzjali li tiġi pprovduta l-possibilità ta' konsultazzjoni pubblika tal-arkivji u li tkun ippreservata l-informazzjoni dwar l-istituzzjonijiet tal-UE, u jingħata appoġġ lir-riċerka dwar l-istorja tal-integrazzjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 354/83 tal-1 ta' Frar 1983 jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE jistabbilixxu arkivji storiċi u biex dawn id-dokumenti jkunu disponibbli għall-pubbliku wara perjodu ta' 30 sena. Ir-Regolament ma jispeċifikax post partikolari li jservi ta' depożitu tal-arkivji tal-UE.

Fl-1984, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li jiddepożitaw l-arkivji storiċi tagħhom fl-Istitut Universitarju Ewropew (EUI) f'Firenze, u f'Diċembru 1984 kien iffinalizzat kuntratt speċifiku dwar it-termini tad-depożitu fost il-Komunitajiet Ewropej, li kienu rappreżentati mill-Kummissjoni u mill-EUI. Il-kuntratt jindika ukoll li l-gvern Taljan għandu jipprovi binja permanenti u mingħajr ħlas sabiex l-EUI jkun jista' jżomm l-arkivji tiegħu.

Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li tinsab għal diskussjoni skont il-proċedura ta' approvazzjoni mill-Parlament Ewropew (Artikolu 81(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu), tistipula qafas legali u finanzjarju għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-EUI. Fl-istess ħin issaħħa ukoll ir-rwol tal-EUI, li għandu l-għan li jimmaniġja l-arkivji storiċi tal-istituzzjonijiet tal-UE.

F'termini ta' kontenut, il-proposta ma tbiddilx l-elementi ewlenin tar-Regolament 354/83, bħad-definizzjoni ta' arkivji storiċi kif ukoll dwar meta u liema dokumenti għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku. Fil-fatt il-proposta taħseb għal tibdiliet żgħir fir-regolament eżistenti, bħall-obbligu li kull istituzzjoni tal-UE (ħlief il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Bank Ċentrali Ewropew) tiddepożita l-arkivji storiċi tagħha fl-EUI, il-prinċipju li kull istituzzjoni għandha żżomm is-sjeda tal-arkivji tagħha, is-sistema għall-finanzjament tal-arkivji, il-protezzjoni tad-dejta personali inkluża fl-arkivji, u d-disponibilità tal-arkivji b'mezzi elettroniċi, fejn possibbli.

Ir-rapporteur tixtieq tiegħu l-opportunità li tissottlinja l-kooperazzjoni interistituzzjonali tajba li hemm f'dan il-qasam.

B'mod partikolari r-Rapporteur tixtieq tiġbed l-attenzjoni lejn xi żviluppi magħmula fil-proposta li hi tqis bħala pożittivi fir-rigward tal-finanzjament, tal-protezzjoni u d-diġitizzazzjoni tad-dejta.

Il-proposta tiddikjara biċ-ċar l-obbligu ta' finanzjament tal-EUI mill-baġit ġenerali tal-Unjoni permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-istituzzjonijiet depożitanti u tindika l-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom ikopru l-ispejjeż ta' ġestjoni tal-arkivji, iżda mhux għall-provvista ta' binjiet u repożitorji li għandhom jiġu ffinanzjati mill-gvern Taljan.

L-approċ tal-qsim tal-ispejjeż hu bbażat fuq il-kriterju li l-ammont tal-kontribuzzjoni jkun proporzjonali "mad-daqs tal-pjanijiet ta' stabbiliment rispettivi tal-istituzzjonijiet depożitanti" (Artikolu 8.10). Dan il-kriterju jidher li hu ta' vantaġġ kbir għall-Parlament Ewropew, peress li minħabba d-daqs tiegħu, mhux se jagħti kontribuzzjoni finanzjarja kbira anke jekk x'aktarx li jiddepożita kwantità kbira ta' arkivji storiċi.

Ir-rapporteur hi kuntenta bit-test li jiddikjara biċ-ċar li "fejn possibbli, l-istituzzjonijiet għandhom jaraw li l-arkivji tagħhom ikunu disponibbli għall-pubbliku b'mezzi elettroniċi, inklużi arkivji diġitizzati u dawk maħluqa b'mod diġitali, u jiffaċilitaw il-konsultazzjoni tagħhom fuq l-internet" (Artikolu 9.1). Dan it-test jikkunsidra r-realtà attwali fejn teżisti nuqqas ta' konsistenza fil-proċess ta' arkivjar diġitali fost l-istituzzjonijiet differenti tal-UE. Barra minn hekk, il-proposta tteġġeg lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jipproċedu lejn id-diġitizzazzjoni, peress li l-arkivji fl-Ewropa bħalissa qegħdin jiffaċċjaw l-isfidi tal-era diġitali.

Fir-rigward tal-kwistjoni sensitiva tal-protezzjoni tad-dejta, il-proposta tiċċara r-regoli applikabbli għall-arkivji. Fl-eventwalità li kull dejta personali tibqa' fl-arkivji, il-proposta tenfasizza r-rwol tal-EUI bħala "proċessur" tad-dejta personali skont ir-Regolament (KE) Nru. 45/2001¹, li jaġixxi bi qbil mar-rekwiżiti tal-istituzzjonijiet depożitanti tal-UE.

It-test jirrikonoxxi wkoll lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) bħala l-awtorità li għandha setgħa superviżorja fuq l-istituzzjonijiet tal-UE, kif stipulat fir-Regolament 45/2001.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Rapporteur tirrakkomanda li l-Plenarja tapprova l-att propost.

¹ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

16.4.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET KOSTITUZZJONALI

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar l-abbozz tar-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE/Euratom)
Nru 354/83, fir-rigward tad-depożitu tal-arkivji storiċi tal-istituzzjonijiet fl-Istitut
Universitarju Ewropew f'Firenze
(06867/2013 – C7-0081/2013 – 2012/0221(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Carlo Casini

ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

L-arkivji storiċi dejjem kellhom rwol sinifikanti fil-ħajja tal-Istati tal-Punent, li l-funzjonament tajjeb tagħhom jiddependi minn kultura miktuba. Fir-repubblika antika ta' Ruma, il-bini tat-Tabularium (l-uffiċċju uffiċjali tal-arkivji) diġà kien jinsab fiċ-ċentru simboliku tal-Forum Ruman.

L-Arkivji Storiċi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jiffurmaw parti mill-patrimonju kulturali Ewropew u l-ftuħ tagħhom għall-pubbliku jolqot objettivi u interessi akkademiċi, edukattivi u kulturali. Dawn l-interessi huma protetti mid-dritt primarju, peress li l-Unjoni "tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha u għandha tassigura li jitħares u jkun żviluppat il-wirt kulturali Ewropew"¹. Skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, "l-arti u r-riċerka xjentifika huma liberi. Il-libertà akkademika għandha tiġi rispettata"².

Barra minn hekk, skont ir-raba' premessa tar-Regolament 354/1983 "l-ipproċessar u l-analiżi kritika tal-arkivji [...] mhumiex biss ta' valur għar-riċerka storika inġenerali imma jistgħu fl-istess ħin irendu aktar faċli l-attivitajiet tal-korpi involuti fl-affarijiet tal-Komunità u permezz ta' hekk jagħtu sehem għall-kisba aqwa tal-għanijiet kollha tal-Komunità".

L-objettiv tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li tikkonferma r-rwol tal-Istitut Universitarju Ewropew f'Firenze (EUI) fil-ġestjoni tal-arkivji storiċi tal-istituzzjonijiet u li toħloq bażi legali u finanzjarja soda għas-sħubija bejn l-Unjoni u l-EUI³. Konsegwentement, jekk l-EUI jkun jinsab f'sitwazzjoni legali u finanzjarja inqas favorevoli mis-sitwazzjoni attwali wara l-adozzjoni tal-att, dan se jkun kontra l-objettivi tal-proposta⁴.

Il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2012)0456), kif emendata mill-Kunsill, tinkludi l-arranġamenti istituzzjonali li ġejjin, li se jtejbju s-sitwazzjoni attwali:

— Id-depożitu tal-arkivji storiċi tal-EUI se jsir obligatorju għall-istituzzjonijiet, inkluż is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, skont il-liġi sekondarja tal-UE.

— In-natura speċifika tal-attivitajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u tal-Bank Ċentrali Ewropew tiġġustifika l-esklużjoni tagħhom mill-obbligu li jiddepożitaw l-arkivji storiċi tagħhom fl-EUI. Madankollu, dawn iż-żewġ istituzzjonijiet jistgħu jafdaw l-arkivji tagħhom lill-EUI fuq bażi volontarja.

— Id-depożitu tal-arkivji storiċi tal-istituzzjonijiet fl-EUI ma jaffettwax is-sjieda jew il-protezzjoni tagħhom skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej anness mat-Trattat.

¹ L-Artikolu 3(3)(4), TUE.

² L-Artikolu 3.

³ Ara COM(2012)456, Memorandum ta' Spjegazzjoni, punt 1.2.

⁴ Sitwazzjoni ddeterminata b'mod partikolari mill-kuntratt iffirmat fis-17 ta' Diċembru 1984 bejn il-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentati mill-Kummissjoni, u l-EUI.

— Kull istituzzjoni li tiddepożita se jkollha d-dritt li tirċievi informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-arkivji tagħha u li twettaq spezzjoni.

— L-ispiża tal-ġestjoni tal-arkivji se tkun iffinanzjata minn kontribuzzjonijiet tal-baġit tal-UE. It-tqassim tal-ispejjeż bejn l-istituzzjonijiet se jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi.

— Kull istituzzjoni għandha tadotta regoli interni għall-applikazzjoni tar-Regolament futur.

— Il-Kummissjoni se tkun obbligata tikkonkludi, min-naħa tal-istituzzjonijiet li jiddepożitaw, ftehim qafas ta' sħubija mal-EUI sabiex tistabbilixxi regoli dettaljati dwar ir-responsabbiltajiet u r-rwoli rispettivi tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-EUI. Dan il-ftehim għandu jirrispetta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament futur u tat-trattati.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-rapporteur jipproponi li l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jipproponi li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jipproponi li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni | 15.4.2013 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 18 -: 1 0: 1 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Andrew Henry William Brons, Carlo Casini, Andrew Duff, Roberto Gualtieri, Enrique Guerrero Salom, Daniel Hannan, Stanimir Ilchev, Constance Le Grip, Paulo Rangel, Rafał Trzaskowski, Manfred Weber, Luis Yáñez-Barnuevo García |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | John Stuart Agnew, Sandrine Bélier, Zuzana Brzobohatá, Dimitrios Droutsas, Marietta Giannakou, Helmut Scholz, György Schöpflin, Alexandra Thein |
| Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali | François Alfonsi, Syed Kamall, Georgios Koumoutsakos, Ioannis A. Tsoukalas |

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni | 23.4.2013 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 22 -: 0 0: 0 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Zoltán Bagó, Lothar Bisky, Jean-Marie Cavada, Mary Honeyball, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Emilio Menéndez del Valle, Marek Henryk Migalski, Katarína Neveďalová, Doris Pack, Monika Panayotova, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marietje Schaake, Marco Scurria, Hannu Takkula, László Tőkés, Helga Trüpel, Sabine Verheyen |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Ivo Belet, Nadja Hirsch, Stephen Hughes, Seán Kelly |